MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru 303/2007

**Il-Pulizija**
**(Surgent J. Grima)**
**Vs**

**Dennis Desira**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fi Frar, 2007 meta hekk ordnat minn xi Qorti u hekk marbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil martu Simone Desira s-somma ta’ LM60 fix-xahar iffisati minn dik il-Qorti skond il-kuntratt ta’ separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Anthony Attard datat 24 ta’ Settembru, 1997, bhala manteniment ghaliha w/jew ghal wild minuri fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni. Barra minn hekk il-Qorti ordnat ukoll lill-istess appellant ihallas is-somma ta’ LM60 fi zmien gimgha, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kwindi tilliberah skond il-ligi minn din l-imputazzjoni, htija w piena w, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti tal-piena w tinfliggi piena aktar idonea w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet bil-gurament ix-xhieda ta’ Simone Desira, mart l-appellant fl-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-lum li bih l-abbli difensur Dr. Norma Vella, ddikjarat li l-appellant kien qed jirrinunzja ghall-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' Simone Desira, mart l-appellant, jirrizulta li l-ammont in kwistjoni issa thallas u qed isir tentattiv biex l-appellant jaqta’ xi arretrati ohra bhala manteniment dovuti minn Frar 2007 sal-lum u li ghalhekk l-istess Simone Desira ma tinsistix li jkun hemm il-piena tal-habs f’dan il-kaz stante li kien qed isir sforz genwin mill-appellant biex jigi in regola fil-hlas tal-arretrati l-ohra, li pero' mhumiex mertu ta' dan l-appell.

Jidher ghalhekk li hemm lok ghal temperament fil-piena w dana in linea mall-gurisprudenza applikabbli ghall-kazijiet simili, partikolarment il-kawza **“Il-Pulizija vs Publius Said”** [9.7.2003] u ohrajn, fejn gie ripetutament ritenut li :-

*" Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F’dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta’ dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena."*
.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni w minflok tikkundannah ghal hlas ta’ hamsa w ghoxrin lira (LM25) ammenda li jekk ma jithallsux illum stess jigu konvertiti f’hamest ijiem detenzjoni. Tirrevokaha wkoll fejn ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta' Lm60 fi zmien gimgha ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li, kif irrizulta, dan il-hlas issa diga' lahaq sar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------